# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 27 ta' Jannar, 2021.**

**Numru 13**

**Rikors numru 144/2007 JD**

**Frank Rapa f'ismu proprju u kif ukoll l-avukat Dr Samuel Azzopardi li b'digriet tal-5 ta' Frar 2008 fl-atti tal-mandat ta' sekwestru 207/07 fl-istess ismijiet ġie nominat bħala kuratur deputat sabiex jirrappreżenta lis-soċjeta` Rapa Brothers Co Ltd u b'digriet tat-12 ta' Mejju 2015 ġie nominat sabiex jissostitwixxi fir-rappreżentanza ta' Rapa Brothers Co Ltd Dr Kevan Azzopardi fil-kwalita` tiegħu ta' stralċjarju tal-istess kumpanija**

**v.**

**Teddy Rapa personalment u Rapa Showrooms Co Ltd, Joseph Magro**

**<u>PRELIMINARI:</u>**

1. Dan huwa appell ad istanza tal-konvenut Joseph Magro mis-sentenza tal-15 ta' Mejju 2015 mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati

(Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, li permezz tiegħu qed jitlob lil din il-Qorti sabiex tħassar is-sentenza appellata f'dik il-parti u in kwantu sabitu responsabbli għall-ħlas tad-danni likwidati, tilqa' l-appell u tiċħad it-talbiet attriċi; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-atturi appellati. Iżid jgħid li fiċ-ċirkostanzi din il-Qorti għandha tapplika fil-konfront tal-attur appellat Frank Rapa is-sanzjonijiet kontemplati taħt l-Artikolu 10(1) tat-Tariffa A tal-iSkeda A tal-Kap 12.

2. Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell, din il-Qorti ser tirriproduċi l-partijiet rilevanti tas-sentenza appellata:

> **"Il-Qorti;**
>
> **"Rat ir-rikors guramentat li jaqra hekk:**
>
> "1. Illi s-socjeta' konvenuta kienet ottjeniet il-hrug ta' mandat ta' zgumbrament numru 113/06 fl-ismijiet Teddy Rapa noe vs Frank Rapa noe in forza ta' liema kien gie ordnat li s-sit gewwa ta' Xhajma limiti tan-Nadur, Ghawdex kellu jigi rez battal mill-ingenji, makkinarju, materjal u effetti mobbli kollha appartenenti lis-socjeta' attrici;
>
> "2. Illi difatti fuq l-imsemmi sit fejn kien qed jigi gestit in-negozju tassocjeta' attrici ghal snin shah kien hemm effetti mobbli appartenenti kemm lill-istess socjeta' attrici u kif ukoll lill-attur di proprio, li ta' l-ahhar kien u ghadu azzjonista u direttur tal-istess socjeta' attrici;
>
> "3. Illi l-esekuzzjoni ta' 'l fuq precitat mandat ta' zgumbrament kien qieghed isir tramite d-direzzjoni u supervizjoni tal-Marixxal tal-Qorti;
>
> "4. Illi l-esekuzzjoni effettiva u materjali pero' kienet qed tigi operata mill-konvenut Joseph Magro u min-nies imqabbda u jew kontrattati minnu kif ordnat minn din l-istess Qorti fuq talba tal-istess socjeta' konvenuta u kif ukoll tal-konvenut Teddy Rapa di proprio;
>
> "5. Illi fil-kors ta' tali esekuzzjoni partikolarment fl-izmantellar tal-makkinarju u ingenji li jiswew flus kbar beda jirrizulta li din kienet qed tigi esekwita b'manjiera negligenti grossolana jew mhux addirittura b'mod doluz bil-konsegwenza li gew kagonati hsarat kbar fl-istess ingenji u makkinarju;
>
> "6. Illi l-atturi kienu gibdu l-attenzjoni tal-Marixxal tal-Qorti Joe Xuereb dwar dan l-agir abbusiv u illegali partikolarment waqt access li nzamm fuq is-sit in

kwistjoni nhar il-Hamis 16 ta' Mejju 2007 fejn anke ngibdu sensiela ta' ritratti bhala prova ta' dan;

"7. Illi in segwitu ta' dan, l-atturi kienu talbu diversi drabi lil dina l-Onorabbli Qorti permezz ta' diversi rikorsi biex titwaqqaf hesrem tali esekuzzjoni li kienet qed tigi operata b'tant negligenza liema talbiet pero' gew michuda u x-xoghol da parti tal-konvenut Magro baqa' jissokta sakemm huwa stess waqaf minn jeddu;

"8. Illi d-danni u hsarat kawzati fl-ingenji tal-atturi jiswew eluf kbar ta' liri sabiex tirrimedjahom u whud minnhom jistghu sahansitra gew rezi mhux vale la pena li tirrangahom u kwindi jkunu jridu jigu sostitwiti;

"9. U peress illi r-responsabilita' ghall-kagun ta' tali hsarat ghandha tigi meqjusa bhala li tinkombi fuq il-konvenuti kollha jew fuq min minnhom ghas-sehem rispettiv taghhom fil-kors ta' tali ezekuzzjoni;

"10. U peress illi dawn il-fatti hawn fuq dikjarati bil-gurament li jikkostitwixxu l-premessi u l-aggravji tat-talba tal-atturi huma maghrufa lill-attur personalment;

"Ghaldaqstant l-atturi talbu lil din il-Qorti:

"1. Tiddikjara li l-konvenuti jew min minnhom huma responsabbli ghall-hsarat kawzati fl-ingenji proprjeta' tal-atturi li kienu jinsabu fuq is-sit f'Ta Xhajma limiti tan-Nadur, Ghawdex;

"2. Tillikwida l-valur tal-hsarat kawzati fl-istess ingenji okkorrendo permezz tan-nomina ta' esperti teknici;

"3. Tikkundanna lill-konvenuti jew lil min minnhom sabiex ihallsu lill-atturi d-danni rispettivi hekk kif likwidati minn dina l-Qorti;

"Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment ma' dan ir-rikors guramentat kontra l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

**"Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Teddy Rapa personalment u Rapa Showrooms Co Ltd fil-kwalita' tieghu premessa li permezz taghha gie eccepit**:

"1. Preliminarjament in-nuqqas ta' interess guridiku tal-konvenut eccipjenti fil-kwalita' tieghu premessa peress illi jirrizulta mill-premessi tar-rikors promotur li l-eccipjenti ma kellu x'jaqsam xejn mad-danni reklamati. Id-danni li qed jirreklamaw l-atturi huma bbazati fuq il-'culpa aquiliana' u cioe' n-negligenza li wrew il-Marixxal tal-Qorti jew nies imqabbdin minnu fl-izmantellar ta' makkinarju appartenenti lill-atturi waqt esekuzzjoni ta' mandat ta' zgumbrament. Hlief ghall-prezentata ta' l-imsemmi mandat u ghal hlas tal-ispejjes relattivi l-esponenti ma kellhom x'jaqsmu xejn mal-esekuzzjoni tal-imsemmi mandat la fizikament u lanqas bl-ebda mod iehor. Allura ma jista' jkun hemm ebda ness guridiku bejn id-danni reklamati u l-persuna tal-eccipjenti.

"2. Fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-premessi n-nuqqas ta' bazi guridika ghall-azzjoni intentata mill-atturi peress li hawn si tratta minn danni

reklamati minhabba esekuzzjoni ta' mandat ta' zgumbrament. Il-mandat ta' zgumbrament huwa wiehed minn dawk il-mandati li jigu ezegwiti wara titolu esekuttiv u cioe' wara sentenza tal-Qorti. L-ordni ta' zgumbrament hija fis-sentenza talQorti u l-konvenut jinghata certu zmien (f'dan il-kaz tlett xhur) sabiex jizgombra. Huwa fil-kaz ta' nuqqas ta' ottemperenza ma' l-ordni tal-Qorti li jigi istitwit il-mandat ta' zgumbrament. Dan ifisser li l-izgumbrament a tenur tas-sentenza gudizzjarja hija responsabilita' tal-konvenut li suppost kellu jaghzel hu l-mod u manjiera lilu koncess sabiex jaffettwa l-izgumbrament.

"3. Illi darba li l-konvenut naqas bhalma gara f'dan il-kaz li jottempera ruhu ma' l-ordni tal-Qorti, jiskattaw il-mekkanizmi kontemplati fil-Ligi tal-procedura u l-konvenut jigi zgombrat millMarixxal tal-Qorti. L-izgumbrament ghalhekk isir b'ministeru talMarixxal li huwa l-'lunga manus' tal-Qorti u huwa jkun il-persuna li tesegwixxi l-izgumbrament. Ghalhekk jekk hemm xi responsabilita' bhal dik kontemplata mill-atturi f'din il-kawza, din taqa' fuq il-Marixxal tal-Qorti u fuq hadd aktar.

"4. Illi pero' lanqas ghandha tigi kontemplata ebda responsabilita' ghaliex darba li l-konvenut ikun naqas li minn jeddu jizgombra, ma hemm ebda mod kif ghandu jigi esegwit il-mandat hlief billi lmarixxal jitfa' 'l barra mis-sit in kwistjoni l-mobbli u l-effetti mobbli kollha li kellu l-konvenut fl-istess sit. Il-marixxal ma huwa obbligat juza ebda diligenza jew xi gradi taghha fl-esekuzzjoni tal-mandat li huwa dak li, litteralment jitfa' hwejjeg il-konvenut ilbarra mis-sit tal-attur. F'din l-operazzjoni la hija mehtiega ebda grad ta' diligenza u lanqas jista' jinqata' kaz ta' negligenza da parti tal-marixxal tal-Qorti;

"5. Illi fi kwalunkwe kaz ukoll l-atturi jridu jippruvaw l-allegati danni reklamati ghaliex ghajr allegazzjonijiet vagi li ghamlu fir-rikors promotur, qajla jidher xi sustanza fl-allegazzjonijiet taghhom.

"Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

**"Rat ir-risposta tal-intimat Joseph Magro** li permezz taghha eccepixxa li:

"1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt, u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra l-atturi;

"2. Illi jekk hemm xi responsabilita', din m'hija ta' hadd hlief aktar tal-istess attur Frank Rapa, li sfida kull ordni ta' din il-Qorti kif ukoll tal-ufficjali taghha; kien hu li naqas li jzarma u li johrog mill-fabbrika l-makkinarju u l-ingenji kollha li l-Qorti kienet ordnat li jitnehhew f'terminu li kienet iffissatlu; u kien l-istess Frank Rapa li dahal fil-fabbrika u fixkel l-operat tal-marixxal u tal-esponenti, u kien hu stess li beda jaghmel hsara fil-makkinarju u l-ingenji li l-Qorti kienet ordnat li jinhargu minn hemm gew, u dan sar quddiem ghajnejn kull min kien prezenti kemm il-marixxal u l-pulizija;

"3. Salvi twegibiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

"Semghet ix-xhieda.

"Rat ir-rapport tal-esperti nominati mill-Qorti.

"Rat l-atti u d-dokumenti kollha inkluz in-noti ta' sottomissjonijiet.

“Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**“Kunsiderazzjonijiet**

“Din il-kawza qeghdha ssir in segwitu ghall-esekuzzjoni ta’ mandat ta’ zgumbrament numru 113/06 fl-ismijiet ‘**Jude Taddeo Rapa sive Teddy Rapa noe vs Francesco sive Frank Rapa noe**’.

“Jirrizulta mill-atti li originarjament il-mandat ta’ zgumbrament kien gie prezentat fit-3 ta’ Awwissu 2006 in segwitu ghas-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell. Biss, permezz ta’ digriet tal-istess Qorti ta’ l-Appell giet ordnata s-sospensjoni tal-mandat ta’ zgumbrament minhabba li kienet giet prezentata kawza ta’ ritrattazzjoni.

“Fis-sentenza taghha tas-26 ta’ Mejju 2006, il-Qorti ta’ l-Appell kienet ordnat lis-socjeta’ attrici odjerna biex tohrog mill-art imsejha ‘Tal-Ghonq’ sive ‘Tan-Nuffara’ sive ‘Ta’ Ciangar’, Limiti ta’ Victoria, Ghawdex fi zmien xahrejn minn dakinhar tas-sentenza.

“It-talba ghar-ritrattazzjoni giet deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fl-14 ta’ Mejju 2007 li permezz taghha cahdet it-talba tas-socjeta’. L-istess socjeta’ naqset li tottempera ruhha ma’ l-ordni tal-Qorti. Ghalhekk il-konvenut Frank Rapa pprezenta rikors fis-16 ta’ Mejju 2007 sabiex il-mandat ta’ zgumbrament jigi ezegwit.

“Jirrizulta mill-atti li l-Marixxal tal-Qorti, Joseph Xuereb, mar ikellem lill-attur Frank Rapa ghal aktar minn darba biex ihejji biex johrog. Infatti listess Marixxal xehed li kienu ghaddew xi xahrejn minn meta kien mar ighid lil Frank Rapa li kien ghaddielu z-zmien li kienet taghtih il-ligi sakemm dahal fix-xena Joseph Magro li huwa l-konvenut odjern u li huwa l-persuna li gie inkarigat mill-istess marixxal tal-Qorti sabix ighin fit-trasport u t-tnehhija tal-affarijiet ingombruzi[1] . Huwa xehed li sakemm tqabbad il-konsenjatarju (li dahal ftit qabel it-22 ta’ Lulju 2007) 1 Rikors tat-23 ta’ Lulju 2007 fl-atti tal-Mandat ta’ Zgumbrament l-attur ma kien hareg xejn mill-post. Pendenti l-proceduri Frank Rapa beda jnehhi permezz ta’ trakkijiet xi affarijiet minn gewwa l-plant li sostna li kienu tieghu personali. L-istess Marixxal xehed u anki jirrizulta mill-atti tal-mandat ta’ zgumbrament li l-attur odjern ma kkoperax wisq maghhom.

“Mhux kontestat lanqas li sal-gurnata li l-impjant kien qieghed jigi okkupat minn Frank Rapa kemm l-impjant tal-bricks kif ukoll tal-concrete kienu ghadhom jiffunzjonaw tajjeb.

“Jirrizulta wkoll mill-atti tal-mandat ta’ zgumbrament li saru diversi rikorsi minn Frank Rapa li permezz taghhom kien qieghed jilmenta li kienet qeghdha ssir hsara fil-proprjeta’ ta’ Rapa Brothers fil-kors ta’ l-izgumbrament billi l-allegazzjoni kienet li kienu qeghdin ikunu negligenti u traskurati fil-*modus operandi* ta’ l-izmantellament tal-ingenji.

“Illi huwa wkoll stabbilit li l-konvenut Joseph Magro ma kienx gie nominat bhala kunsinnjatarju ghaliex jirrizulta mill-atti li bhala konsenjatarju kien gie nominat certu Carlo Cauchi li ghandu parentela ma’ Frank Rapa. Joseph Magro kien qieghed izarma l-impjant.

[1] Rikors tat-23 ta’ Lulju fl-atti tal-Mandat ta’ Żgumbrament

"Il-konvenut Teddy Rapa ma kienx involut fl-istadju tal-esekuzzjoni tal-mandat ta' zgumbrament.

"Illi f'wiehed mid-digrieti tal-Qorti fl-atti tal-mandat ta' zgumbrament dak datat 24 ta' Lulju 2007 jinghad:

*"il-konsenjatarju Carlo Cauchi li jkun responsabbli ghall-oggetti kollha illi jitqieghdu taht il-kustodja tieghu pendenti l-ezitu tal-kawzi li ghad iridu jiddeciedu x'ser jigri mis-socjeta' esekutata u l-proprjeta' taghha".*

*"illi l-makkinarju appartenenti lis-socjeta' ezekutata irid jigi zmantellat b'attenzjoni, biex kemm jista' jkun ma tigrilux hsara, minn persuni nkarigati mill-marixxal".*

"Illi f'din il-kawza gew nominati bhala esperti teknici **Vincent Ciliberti** u l-Inginier **Victor Bonello**. Mir-rapport jirrizulta li l-impjant mertu ta' dawn il-proceduri gie spezzjonat f'zewg lokalitajiet. Il-parti l-kbira ta' l-impjant gie spezzjonat fejn kien attwalment armat, fiz-zona, Triq Xhajma, filwaqt li partijiet ohra gew spezzjonati fiz-zona Ta' Gruwa. Issur Ciliberti jirrileva fir-rapport li ha in kunsiderazzjoni wkoll il-fatt li limpjant kien ilu zarmat is-snin, u allura gie mehud in kunsiderazzjoni lfatt ta' deterjorament konsegwenza ta' l-elementi, kif ukoll nuqqas ta' manteniment fuq l-impjant. Qabel il-hatra ta' l-Inginier Bonello, is-sur Ciliberti pprezenta nota fejn esprima l-opinjoni tieghu li tali impjant jista' jerga' jigi armat, wara pero', li ssirlu l-manutenzjoni rikjesta, fid-dawl li l-impjant kien ilu fl-istat li fih instab ghal diversi snin. L-opinjoni teknika tas-sur Ciliberti kienet li deher li l-impjant ta' dik l-entita' kien gie zarmat skont is-sengha u l-arti, fl-aspett mekkaniku tieghu, izda b'diversi nuqqasijiet f'dak li hu aspett elettriku.

"Illi fir-rapport taghhom l-esperti teknici rigward il-**Lat Mekkaniku** rrelataw is-segwenti:

*"Illi f'cirkostanzi normali, impjant ta' dan it-tip ikollu tnax (12) il-sensor, b'sitta minnhom bil-funzjoni li jkun assigurat li ma jintefax aktar materjal milli jkun rikjest, filwaqt li l-funzjoni tas-sitta l-ohra hu li jassiguraw li ma jinxtehitx materjal inqas. Dan apparti sitt sensors ohra li l-funzjoni taghhom tkun li jidderigu l-materjal differenti f'liema garzelli ghandu jinxtehet.*

*"Illi huwa stmat illi dawn it-tip ta' sensors jiswew circa mija u ghoxrin Euro (€120) il-wiehed, u l-esponenti, ghalkemm ghamel hiltu kollha biex janalizza llisti estensivi prezentati mill-Marixxal Joseph Xuereb fil-volum tal-mandat ta' zgumbrament, imkien ma jirrizulta li dawn is-sensors inhargu mil-lok zgumbrat, u ghaldaqstant, ghalkemm l-intimat insista li s-sensors tpoggew f'kaxxa, u thallew fil-lok, dawn ma gewx lokati fil-hin ta' l-accessi mizmuma.*

*"Illi madankollu, ma jistax ma jittehidx in kunsiderazzjoni l-fatti kif jirrizultaw mill-volum tal-mandat ta' zgumbrament, u cioe', il-pressjoni li biha kienu kienu qeghdin jitwettqu x-xoghlijiet, u l-fatt illi l-intimat spicca abbanduna l-inkarigu tieghu.*

*"Illi fir-rigward ta' nuqqas ta' tiskir tal-mizien u l-hoppers, ghalkemm*

*dan il-fatt gie kostatat fil-hin ta' l-access mizmum, fi kwalunkwe kaz, jekk ikun il-kaz illi limpjant kellu jerga' jigi armat, ikun mehtieg li jsir kalibrar mill-gdid, metodu li certament jkollu jsir kull meta impjant ta' dan it-tip jigi armat."*

"Dwar il-**<u>Lat Elettriku</u>** l-esperti rrelataw:

*"Illi mil-lat elettriku, hija l-opinjoni ta' l-esponenti Ing. Victor Bonello li l-cables ma kienux gew zarmati b'mod responsabbli bizzejjed biex, waqt li jigu protetti mill-kundizzjonijiet ambjentali, ikunu mmarkati b'mod inelidibbli, b'dan li jkun assigurat li jkun facli jergghu jigu armati fil-futur."*

"L-espert esebixxa diversi ritratti li juru:

(a) cables zarmati minghajr marki
(b) cables li ghalkemm immarkati, il-marki dghajfa u mhux protetti kontra l-elementi ambjentali
(c) cables li gew zarmati jew addirittura maqtugha u bla marki.

"Illi l-istess esperti komplew jirrelataw:

*"Illi l-istima fir-rigward ta' kablagg mill-gdid ta' l-impjant kollu, installazzjoni tas-sistema eletrika ntera, u ittestjarj u kummissjoni hija stmata li tlahhaq hamsa u ghoxrin elf Euro (€25,000).*

*"Illi l-esponenti lanqas ma jista' ma jithassibx ukoll fuq il-pannelli tal-kontroll li thallew ukoll esposti ghal elementi ambjentali. Dawn jikkonsistu f'kaxxi li jikkomprendu relays, timers, contactors, connectors, li kollha, meta esposti ghal umdita' gholja, jkun hemm il-propensita' li jizviluppaw problema fil-punti ta' kuntatti taghhom.*

*"Illi mehud anke dan in kunsiderazzjoni, din tinkorri spiza addizzjonali ta' tmintax il-elf Euro (€18,000)."*

"Illi mir-risposti li nghataw mill-istess esperti ghall-mistoqsijiet li sarulhom in eskussjoni jirrizulta li, fuq domanda tal-konvenut Magro, kieku l-makkinarju nzamm f'post maghluq kien ikun dejjem protett. Fil-fehma tal-esperti, protezzjoni dejjem trid tinghata lil kwalunkwe tip ta' makkinarju li jkun qieghed jigi zarmat, irrispettivament mit-tul ta' zmien li jkun sejjer idum zarmat.

"Illi l-konvenut Magro talab ukoll lill-esperti jikkonfermaw li t-taping bil-kuluri li kienu saru minnu mal-wires maqtughin biex iservu ta' marki ta' kif kienu l-connections tal-elettriku kien metodu tajjeb. L-esperti spjegaw li f'dan l-ambjent fejn il-connections huma ferm numeruzi, l-uzu ta' tape kulurit mhux adattat. F'cirkostanzi simili, jigi applikat tape nnumerati b'numri u ittri ta' identifikazzjoni. Fil-fatt huma rrapportaw li certi cables kienu mmarkati b'mod inadekwat, filwaqt li l-bicca l-kbira kienu minghajr ebda marki. Huma rrispondew li ma kienux f'posizzjoni li jghidu jekk kienx hemm aktar marki u tnehhew u min nehhihom u dan in risposta ghall-allegazzjoni tal-konvenut li Frank Rapa kien nehha l-marki.

*…omissis…*

"Din il-Qorti, fic-cirkostanzi, ma ssibx raguni li twassalha li tiskarta r-rapport peritali. Ghalhekk il-Qorti tadotta r-relazzjoni peritali u dan wara li fliet bir-reqqa dak li qalu x-xhieda, l-atti u d-dokumenti kollha.

"Illi stabbilit is-suespost, din il-Qorti se tghaddi biex tikkunsidra l-eccezzjonijiet mressqa mill- konvenuti.

"**<u>L-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti Teddy Rapa personalment u Rapa Showrooms Co Ltd</u>**

*…omissis…*

"Ghaldaqstant din il-Qorti tqis li din l-eccezzjoni hija misthoqqa u kwindi tillibera lil dawn iz-zewg konvenuti mill-osservanza tal-gudizzju. In vista ta' dan m'hemmx lok ghalfejn din il-Qorti titratta l-eccezzjonijiet lohra mressqa fil-mertu minn dawn iz-zewg konvenuti.

"**<u>L-eccezzjonijiet tal-konvenut Magro</u>**

"Illi l-konvenut Joseph Magro jichad kull responsabilita' tal-hsarat li rrizultaw.

"Fit-tieni eccezzjoni tieghu jsostni li:

> *"Illi jekk hemm xi responsabilita', din mhija ta' hadd hlief aktar tal-istess attur Frank Rapa, li sfida kull ordni ta' din il-Qorti kif ukoll tal-ufficjali taghha; kien hu li naqas li jzarma u li johrog mill-fabbrika l-makkinarju u l-ingenji kollha li l-Qorti kienet ordnat li jitnehhew f'terminu li kienet iffissatlu; u kien l-istess Frank Rapa li dahal fil-fabbrika u fixkel l-operat tal-marixxal u tal-esponenti, u kien hu stess li beda jaghmel hsara fil-makkinarju u l-ingenji li l-Qorti kienet ordnat li jinhargu minn hemm gew, u dan sar quddiem ghajnejn kull min kien prezenti kemm il-marixxal u l-pulizija;"*

"Illi dwar dan il-konvenut ma jirrizultax li kien inghata xi digriet ghall-hatra tieghu mill-Qorti li kellha quddiemha l-mandat ta' zgumbrament ghalkemm f'xi digrieti huwa jissemma' b'ismu. Huwa evidenti li dan ilkonvenut tqabbad mill-Marixxal tal-Qorti Joseph Xuereb sabiex jizmantella l-impjant u l-makkinarju li kien hemm fis-sit. Infatti mixxhieda ta' l-istess Marixxal[2] li z-zarmar sar kollu minn Magro u ta' Rapa qatt ma kienu prezenti waqt iz-zarmar. L-istess Joseph Magro fix-xhieda tieghu[3] jikkonferma li x-xoghol ta' zarmar sar minnu u l-haddiema mqabbda minnu. Huwa inoltre' xehed li kienu ghadu konvint li x-xoghol sar kif suppost.

"Illi kif diga' gie stabilit mir-rapport tal-esperti teknici z-zarmar mil-lat mekkaniku sar skont is-sengha w l-arti. Mhux l-istess jista' jinghad millat elettroniku.

"Illi l-konvenut Magro jsostni li fi kwalunkwe kaz huwa ma jistax jinzamm responsabbli ghaliex (i) l-attur Frank Rapa sfida l-ordni tal-Qorti u ma zgumbrax fit-terminu moghti lilu u huwa seta' jippervjeni li kienet se ssir hsara lill-makkinarju w allura ghandu japplika l-principju ta' *volenti non fit injuria*; u (ii) kien l-istess Frank Rapa li fixkel l-operat tal-marixxal u tieghu waqt iz-zarmar tal-makkinarju u li allura kkaguna l-hsara.

[2] Seduta tal-21 ta' Jannar 2010
[3] Seduta tat-30 ta' April 2010

"Illi fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet **Delmar et vs Mifsud et**[4] gie ritenut li:

> "*L-applikazzjoni tal-principju volenti non fit iniuria jippresupponi tliet elementi: il-prevedibbilità tal-periklu, regoli kif dak il-periklu jigi evitat jew b'xi mod imnaqqas, u l-ksur volontarju ta' dawk ir-regoli da parti ta' min wegga'.*
>
> "*Din il-Qorti terga' taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Paul Vassallo et v. Carmelo Pace** deciza fil-5 ta' Marzu 1986 imsemmija mill-partijiet fejn intqal hekk:*
>
> "*B'riferenza ghall-imsemmi principju volenti non fit iniuria, ic-Charlesworth, Law of Negligence, pagna 498, josserva:*
>
> "*A person who makes an agreement with another, either expressly or by implication, to run the risk of injury caused by that other, cannot recover for damage caused to him by any of the risks he agreed to run';*

"Kif ikompli ic-Charlesworth, op. cit. (Pagna 498):

> " *'… the first point is that the Courts will not find the existence of an implied agreement unless the person who is alleged to have made it had full knowledge of the nature and extent of the risk to be run. The other point is that although plaintiff had full knowledge of the nature and extent of the risk and, with that knowledge, in fact incurred it, he will not be prevented from recovering unless the circumstances are such as to show that incurring the risk he did it on the terms that the loss should fall on him and not on some other person. This is because, as has often been pointed out, the maxim is volenti non fit iniuria and not scienti non fit iniuria. Knowledge of the risk is therefore only one of the elements which has to be taken into account in deciding whether the inference that the plaintiff agreed to take the risk upon himself can be drawn'.*

"Illi fil-fattispecie ta' dan il-kaz ma kien hemm l-ebda tip ta' ftehim bejn l-atturi u l-konvenut Magro. Kwindi dan il-principju nvokat mill-konvenut mhux applikabbli ghall-kaz odjern.

"Din il-Qorti tqis ukoll li l-argument migjub mill-konvenut Magro li ghal dak kollu li gara jahti l-istess Frank Rapa billi sfida l-ordni tal-Qorti u ma harigx meta kellu johrog mis-sit mhux wiehed validu skont il-ligi. Il-fatt li Frank Rapa ma harigx mis-sit fit-terminu ordnat mill-Qorti kienet kwistjoni li tirrigwarda lill-konvenuti l-ohra f'din il-kawza. Infatti kien ghalhekk li huma pprocedew bit-talba taghhom ghall-hrug ta' mandat ta' zgumbrament. D'altronde huwa maghruf li sentenza taghmel stat biss fil-konfront tal-partijiet.

"Il-konvenut Magro ma jistax jezimi ruhu mir-responsabilita' tal-hsara kkagunata lill-makkinarju mil-lat elettriku. Mhux korrett jinghad li ghaliex din l-operazzjoni kollha ta' zmantellu sehhet fl-ezekuzzjoni ta' mandat ta' zgumbrament ebda tip ta' diligenza ma kienet rikjesta. Infatti jirrizulta

[4] Appell 136/1999 deċiż fit-3 ta' Diċembru 2010

ampjament li Joseph Magro kien qieghed jesegwixxi nkarigu moghti lilu mill-Marixxal tal-Qorti u ta' liema bicca xoghol huwa thallas diga' ammont ta' flus. Huwa ghalhekk kien fl-obbligu li juza' dik id-diligenza li hija necessarja sabiex ix-xoghol jitwettaq skont is-sengha w larti. Huwa evidenti li sa matul is-smigh ta' din il-kawza l-konvenut Magro ma fehmx li l-inkarigu li dahal ghalih kien wiehed delikat u mhux kif xehed li kulhadd jaf iholl skorfina. Huwa ovvju wkoll mirrizultanzi processwali li Joseph Magro qatt ma kellu xi esperjenza flizmantellar ta' makkinarju ta' tali portata u anki l-haddiema li qabbad ma kienux kwalifikati. Lanqas irrizulta li l-istess Magro almenu fittex xi parir minghand xi tekniku biex mil-lat elettriku ma tigix ikkagunata hsara. Infatti rrizulta li mil-lat mekkaniku l-izmantellar twettaq skont issengha w l-arti.

"Illi l-konvenut sostna wkoll li Frank Rapa fixkel l-ezekuzzjoni tax-xoghol tieghu u xhieda ta' dan kienu l-Marixxal u l-pulizija prezenti. Filwaqt li mill-atti tal-mandat ta' zgumbrament jirrizulta li Frank Rapa f'certu istanzi kien qieghed jikkawza xi problemi, madankollu jirrizulta wkoll li f'certu stanzi ohra huwa lanqas kien qieghed jithalla jidhol fis-sit. Mhux hekk biss talli l-Marixxal Xuereb xehed li ta' Rapa ma kienux prezenti waqt l-izmantellar. Il-Marixxal Xuereb xehed ukoll izda li rigward il-control panel tal-plant tal-bricks, fejn hemm il-wiring, iddecidew illi t-truf ta' kull naha ma jmissuhomx ghaliex kienu inghataw parir (min ghand min ittiehed dan il-parir ma jirrizultax) li jekk jaqtghu t-truf jintilef il-post fejn jitqabbad ma' post iehor. Ghalhekk fejn inqatghu l-wires ghamlu n-numru biex kull naha tal-wire li tkun inqatghet taqbel man-naha l-ohra. Dakinhar Frank Rapa beda jghid x'kienu qed jaghmlulu u l-Marixxal rah jaqla' n-numri li kienu poggew mal-wiring maqtugh. Biss pero' jinghad li gie konkluz mill-esperti teknici li l-mod kif gie zarmat ma sarx b'mod tajjeb ghar-ragunijiet indikati fir-rapport taghhom.

"Illi l-istess Periti in eskussjoni spjegaw li c-cifra ndikata minnhom fi hsarat hija dovuta ghall-hsarat biss imgarrba fis-sistema elettrika u mhux fis-sistema mekkanika. Huma kkonkludew ukoll li meta spezzjonaw il-makkinarju f'ta' Gruwa u fil-bitha ta' Xhajma deher evidenti li l-makkinarju kien espost ghall-elementi u mhux mantnut, minghajr ghata ta' protezzjoni.

"Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti l-konvenut Joseph Magro ghandu jinstab responsabbli tal-hsarat li l-makkinarju garrab mil-lat elettriku hekk kif stabbilit mill-esperti teknici. Madankollu l-istess konvenut ma kienx il-persuna li zamm ghandu l-istess makkinarju fosthom il-pannelli tal-kontroll. Dawn kienu f'idejn il-kunsinnjatarju li pero'mhux parti f'din il-kawza. Irrizulta li l-oggetti nkluz il-pannelli tal-kontroll thallew fl-apert mentri kien ikun ferm ahjar li kieku dawn kellhom xi tip ta' ghata bhala protezzjoni. Ghalhekk il-konvenut ma jistax jinstab li huwa responsabbli ghal tali hsara mgarrba.

"Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt li tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti Rapa proprio et nomine u ghaldaqstant tilliberahom mill-osservanza tal-gudizzju, tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut Joseph Magro u ghaldaqstant tilqa' t-talbiet attrici billi:

1. Tiddikjara li l-konvenut Joseph Magro huwa responsabbli ghall-hsarat kawzati fl-ingenji proprjeta' tal-atturi li kienu jinsabu fuq is-sit f'Ta Xhajma limiti tan-Nadur, Ghawdex;

2. Tillikwida l-valur tal-hsarat kawzati fl-istess ingenji fl-ammont ta' hamsa u ghoxrin elf Ewro (€25,000);

3. Tikkundanna lill-konvenut Joseph Magro sabiex ihallas lill-atturi ddanni hekk kif likwidati minn dina l-Qorti bl-imghax legali mid-data ta' din is-sentenza sal-pagament effettiv.

"Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment ma' dan ir-ikors guramentat kontra l-konvenut Joseph Magro, hlief ghal dawk l-ispejjez relatati mal-eccezzjonijiet tal-konvenuti Rapa proprio et nomine li ghandhom jigu sopportati mill-atturi."

RIKORS TAL-APPELL tal-konvenut (01.06.2015)

3. Il-konvenut Joseph Magru ħassu aggravat bid-deċiżjoni tal-ewwel Qorti u għalhekk interpona dan l-appell minnha. L-aggravji tiegħu, in suċċint, jikkonsistu fis-segwenti:

(i) Fl-ewwel lok jilmenta li l-ewwel Qorti ma setgħetx ġustament u raġonevolment tasal għall-konklużjoni li huwa kien ħati tad-danni fil-konfront tal-attur personalment; dan għaliex imkien mill-atti tal-kawża ma jirriżulta li l-attur personalment sofra danni;

(ii) Fit-tieni lok jilmenta li ma kinitx korretta l-ewwel Qorti meta sabet li kellu jagħmel tajjeb għad-danni allegatament sofferti:

- Jargumenta li l-"preġudizzju" ġabu l-attur stess fuqu innifsu. Ifakkar li kien Frank Rapa stess li fl-ewwel lok sfida s-sentenza tal-iżgumbrament tal-Qorti, u li kien minħabba n-nuqqas ta' ottemperanza tiegħu mal-ordni ta'

żgumbrament li skattaw il-mekkaniżmi kontemplati fil-liġi, cioe` il-mandat ta' żgumbrament. In oltre jsostni li l-istess Frank Rapa kien ipprova jfixkel l-esekuzzjoni tal-mandat ta' żgumbrament; jirreferi f'dan ir-rigward għall-fatt li kien l-istess attur li pprova jaqla' il-marki kuluriti tat-tape li kien hemm imwaħħlin mat-tarf tal-cables, liema marki kienu twaħħlu sabiex jintgħarfu minn xulxin.

- Isostni li huwa applikabbli l-principju ta' *volenti non fit iniuria* stante li r-riskju kien prevedibbli.

- Jargumenta wkoll li f'materja ta' żgumbrament huwa inawdit li wieħed jitkellem fuq esekuzzjoni negliġenti, għaliex joħroġ mit-tifsira tal-kelma "żgumbrament" li l-kompitu tal-marixxall hu li jitfa' 'l barra mill-fond dawk l-oġġetti tal-eżekutat wara li dan tal-aħħar ikun naqas milli joqgħod għall-ordnijiet tal-istess marixxall.

(iii) Fit-tielet lok, u bla preġudizzju għas-suespost, jargumenta li ma jaqbilx mal-ammont ta' €25,000 li l-ewwel Qorti kkundannatu jħallas. Jaċċenna għall-fatt li l-inkarigu tiegħu kien biss li jżarma l-impjant u jħallih fil-yard biex jinġarr mill-kunsinnatarju. Jenfasizza li ma

kinitx ir-responsabbilta` tiegħu li jarmah u jinstallah band' oħra. Jaċċenna għall-fatt li l-€25,000 ma tirrigwardax il-ħsara riskontrata fil-qtugħ tal-cables, iżda kienet fir-rigward "*ta' kablaġġ mill-ġdid tal-impjant kollu, u tal-installazzjoni tas-sistema elettrika u ittestjar u kummissjoni*" li ma kinitx ir-responsabbilta` tiegħu.

RISPOSTA TAL-APPELL tal-Uffiċjal Riċevitur, Dr Kevan Azzopardi bħala stralċjarju tal-kumpanija Rapa Brothers Co Ltd C-7621 (19.06.2015):

4. Dr Kevan Azzopardi fl-ewwel lok spjega s-segwenti fatti:

- Fl-20.11.2008 is-soċjeta` Rapa Brothers Co Ltd (C-7621) ġiet xolta permezz ta' sentenza ta-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri fl-ismijiet *"Jude Thaddeus sive Teddy Rapa għan-nom u in rappreżentanza tal-kumpanija Rapa Showrooms Ltd v. Francesco sive Frank Rapa kemm f'ismu proprju u kemm bħala direttur għan-nom u in rappreżentanza tal-kumpanija Rapa Brothers Co Ltd*" (171/1995)

- L-Avv. Dr Joseph Grech kien inħatar bħala amministratur provviżorju tal-kumpannija xolta.

- Fl-14.11.2014 huwa (Dr Kevan Azzopardi) bħala stralċjarju tal-kumpanija xolta.

- Għalkemm ai termini tal-Artikolu 226(1) u (2) tal-Kap 386 id-diretturi tas-soċjeta` kienu obbligati biex fi żmien 20 jum jgħaddulu dikjarazzjoni fuq il-qagħda tal-kumpanija, huwa baqa' ma rċieva l-ebda informazzjoni.

5. Huwa imbagħad eċċepixxa n-nullita` tar-rikors tal-appell fil-konfront u għal dak li għandu x'jaqsam mal-kumpanija xolta Rapa Brothers Co Ltd, stante li ġie intavolat nonostante l-impediment impost bil-liġi, speċifikatament l-Artikolu 224(2) tal-Kap 386. Jenfasizza li r-rikors tal-appell ma setax jiġi ppreżentat fil-konfront tas-soċjeta` xolta mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Qorti, u l-ebda awtorizzazzjoni ma tirriżulta.

**RISPOSTA TAL-APPELL tal-attur Frank Rapa personalment (08.07.2015):**

6. Frank Rapa, personalment, wieġeb biex jgħid li s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma.

- Huwa b'riferenza għall-eċċezzjoni tan-nullita` tar-rikors tal-appell mal-istralċjarju Dr Kevan Azzopardi jaqbel li r-rikors

għandu jiġi meqjus bħala null ladarba ġie ppreżentat mingħajr l-awtorizzazzjoni rikjesta taħt l-Artikolu 224 tal-Kap 386.

- B'referenza għall-kwistjoni dwar min miż-żewġ atturi jappartjenu l-oġġetti danneġġjati jargumenta li din hija *res inter alios acta* għall-appellant u għalhekk l-ewwel Qorti ġustament ikkundannat lill-konvenut iħallas liż-żewġ atturi flimkien.

- Dwar l-allegati tentattivi li saru minnu sabiex ma jiġix esegwit il-mandat ta' żgumbrament, jgħid li dan m'għandu x'jaqsam xejn mar-responsabbilta` li jġorr miegħu konsenjatarju malli jaċċetta l-inkarigu. Isostni li l-konsenjatarju għandu l-obbligu li jeleva u jżarma l-oġġetti b'ċertu sengħa u arti u li jżommhom bil-galbu ta' bonus paterfamilias mhux jitlaqhom żdingati f'għalqa esposti għall-elementi.

<u>SFOND:</u>

7. Din il-Qorti tagħmel riferenza għas-segwenti proċeduri li jifformaw ir-retroxena għall-kwistjoni odjerna:

| | |
|---|---|
| 26.05.2006 | **170/1995/PC - Sentenza ta' żgumbrament** mogħtija minn din il-Qorti tal-Appell Superjuri fil-kawża fl-ismijiet "*Jude Thaddeus sive Teddy Rapa bhala direttur u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Rapa Showrooms Company Ltd. v. Francesco sive Frank Rapa ghan-nom u in rapprezentanza ta' Rapa Brothers Co. Ltd*" fejn il-konvenut Frank Rapa f'isem Rapa Brothers Co Ltd ġie ordnat biex fi żmien xahrejn jiżgombra mill-art mertu tal-kawża (art bil-benefikati u fabbrikat fuqha ezistenti imsejha "Ta' l-Ghonq" sive "Tan-Nuffara" sive "Ta' Ciangar" fil-limiti ta' Victoria, Ghawdex). |
| 25.07.2006 | **170/1995 – Rikors għal ritrattazzjoni** tal-kawża ta' żgumbrament intavolat minn ta' Francesco sive Frank Rapa f'isem Rapa Brothers Co Ltd. |
| 25.07.2006 | **215/2006 – Rikors għal sospenzjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza** pendenti l-eżitu tar-ritrattazzjoni. (Dan ġie miċħud fis-16.10.2006). |

| | |
|---|---|
| 03.08.2006 | **113/2006 - Rikors għal mandat ta' żgumbrament** ippreżentat minn Jude Thaddeo sive Teddy Rapa nomine kontra Francesco sive Frank Rapa stante li l-istess Frank Rapa kien **naqas milli jiżgombra** mill-art kif ordnat fis-sentenza tas-26.05.2006. (Fid-09.08.2006 l-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) irriservat li tipprovdi ulterjorment r-rikors għas-sospenzjoni tal-eżekuzzjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell.) |
| 14.05.2007 | **170/1995** – Sentenza tal-Qorti tal-Appell Superjuri fejn ġiet **miċħuda t-talba għal ritrattazzjoni** tal-kawża ta' żgumbrament. |
| 16.05.2007 | Rikors biex il-mandat ta' żgumbrament jiġi esegwit; **milqugħ**. |
| 31.12.2007 | **144/2007/JD** Frank Rapa personalment u Rapa Brothers Co Ltd intavolaw il-kawża odjerna **għad-danni** kontra Teddie Rapa u Rapa Showrooms Ltd kif ukoll kontra Joseph Magro |

minħabba li l-makkinarju/inġenji proprjeta` tagħhom ġarrbu **ħsarat waqt l-iżmantellar** allegatament negliġenti li sar waqt l-eżekuzzjoni tal-mandat ta' żgumbrament.

15.05.2007 **144/2007/JD – Sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri**, Sezzjoni Ġenerali – fejn il-konvenut Joseph Magro biss ġie ordnat iħallas lill-atturi Frank Rapa u Rapa Brothers Co Ltd is-somma ta' €25,000 in linea ta' danni.

KUNSIDERAZZONIJIET TA' DIN IL-QORTI:

In-nullita` o meno tar-rikors tal-appell

8. Dr Kevan Azzopardi bħala stralċjarju tas-soċjeta` Rapa Brothers Co Ltd issolleva n-nullita` tar-rikors tal-appell fil-konfront ta' u għal dak li għandu x'jaqsam mas-soċjeta` Rapa Brothers Co Ltd, u dan minħabba li l-konvenut appellant ma ġabx l-awtorizzazzjoni tal-qorti sabiex jappella.

9. Huwa jirreferi għall-Artikolu 224(2) tal-Kapitolu 386 (Att Dwar il-Kumpaniji) li jipprovdi illi:

> *"Meta jkun sar ordni għal stralċ jew ikun inħatar amministratur provviżorju, skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 228,* ***ma tista' tittieħed ebda azzjoni jew jinbdew xi proċeduri*** *kontra kumpanija jew il-proprjeta` tagħha ħlief bil-permess tal-qorti u taħt dawk il-kondizzjonijiet li tista' timponi l-qorti."* (enfasi ta' din il-Qorti)

10. Ċertament li rikors tal-appell ma jistax jitqies bħala "*teħid ta' azzjoni"* jew "*tibdija ta' proċeduri"*.

11. Ma jistax pero` ma jiġix osservat li l-verżjoni bl-Ingliż tal-Artikolu 224(2) taqra hekk:

> "*Where a winding up order has been made or a provisional administator has been appointed in accordance with the provisions of article 228,* ***no action or proceeding shall be proceeded with or commenced against the company*** *or its property except by the leave of the court and subject to such terms as the court may impose."* (enfasi ta' din il-Qorti)

12. Il-kliem "*proceeded with*" effettivament ifissru "*tkomplija*", u dan b'kuntrast mal-kelma "*commenced"* li tfisser "*tibdija*". Għalhekk jidher li jeżisti konflitt bejn it-test Malti u t-test Ingliż in kwantu t-test **<u>Malti</u>** jirrikjedi l-permess tal-qorti f'każ ta' <u>tibdija</u> ta' azzjoni/proċeduri kontra l-kumpanija, filwaqt li t-test **<u>Ingliż</u>** jirrikjedi l-permess tal-qorti mhux biss f'każ ta' <u>tibdija</u> iżda wkoll fil-każ ta' <u>tkomplija</u> ta' azzjoni/proċeduri kontra l-kumpanija. Issa l-Artikolu 2(7) tal-Kap 386 jagħmilha ċara li f' każ ta' kunflitt bejn iż-żewġ testi, għandu jipprevali it-test Ingliz:

> *"F'dan l-Att u f'kull regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu, jekk ikun hemm xi konflitt bejn it-test Ingliż u t-test Malti, għandu jipprevali t-test Ingliż".*
>
> *"In this Act and in any regulations made thereunder, if there is any conflict between the English and Maltese texts, the English text shall*

*prevail".*

13. Ifisser għalhekk li wara li jkun sar ordni għal stralċ jew ikun inħatar amministratur provviżorju skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 228, sabiex **titkompla** azzjoni/proċeduri kontra l-kumpanija hemm bżonn il-permess tal-Qorti.

14. Madanakollu din il-Qorti ma jidhrilhiex li r-rikors tal-appell odjern għandu jitqies bħala tkomplija ta' azzjoni/proċeduri kontra l-kumpanija għaliex effettivament <u>huwa tkomplija ta' difiża minn azzjoni tas-soċjeta` Rapa Brothers Co Ltd kontra l-konvenut appellant Joseph Magro</u>. Għaldaqstant l-Artikolu 224(2) mhux applikabbli, u allura l-eċċezzjoni tan-nullita` tar-rikors tal-appell fil-konfront tas-soċjeta` attriċi Rapa Brothers Co Ltd tirriżulta infondata.

<u>**Responsabbilta` o meno ta' Joseph Magro għall-allegati danni:**</u>

15. Il-konvenut appellant iħossu aggravat bil-fatt li ġie ikkundannat jagħmel tajjeb għall-ħsarat li rriżultaw bħala konsegwenza tal-mod kif ġie żmantellat l-impjant. Huwa jagħmel diversi argumenti fir-rigward.

16. Jibda' biex jargumenta li Frank Rapa ġab il-preġudizzju lamentat minnu "fuqu innifsu", li kwalsiasi responsabbilta` ma hi ta' ħadd ħlief tal-istess Frank Rapa, u dan kemm għaliex <u>sfida s-sentenza ta'</u>

żgumbrament tal-ewwel qorti, u kif ukoll għaliex ipprova jfixkel l-esekuzzjoni tal-mandat ta' żgumbrament. (Din fil-fatt hija reiterazzjoni tat-tieni eċċezzjoni).

17. Ma jistax jiġi innegat li kien proprju għaliex Frank Rapa baqa' jirrifjuta li jżarma l-impjant tal-konkos u tal-briks li eventwalment kellu jintalab il-ħruġ ta' mandat ta' żgumbrament, iżda b'daqshekk ma jistax jitqies li hemm ness bejn in-non osservanza ta' Frank Rapa fir-rigward tas-sentenza ta' żgumbrament u d-danni li rriżultaw konsegwenza tal-iżmantellar tal-makkinarju fl-esekuzzjoni tal-mandat ta' żgumbrament. Il-fatt li Frank Rapa ma żgumbrax mis-sit fit-terminu ordnat mill-Qorti huwa kompletament estraneju għall-vertenza odjerna.

18. Kwantu għall-allegat tfixkil ta' Frank Rapa fl-esekuzzjoni tal-mandat ta' żgumbrament, huwa veru li jirriżulta mill-atti tal-mandat ta' żgumbrament li l-istess Frank Rapa fil-fatt ħoloq ħafna tensjoni fuq il-marixxall, fuqu u fuq il-ħaddiema tiegħu b'theddid u pressjoni żejda. L-ewwel Qorti fil-fatt dan irrikonoxxietu iżda qieset ukoll li għalkemm kien qed jikkawża problemi f'ċertu istanzi lanqas kien qed jitħalla jidħol fis-sit u l-marixxall stess xehed li ta' Rapa ma kinux preżenti waqt l-iżmantellar. Fil-fatt din il-Qorti tosserva li l-marixxall Joseph Xuereb fix-xiehda tiegħu tal-15 ta' Ottubru 2008[5] xehed hekk:

[5] Xiehda tal-Marixxal Xuereb tal-15.10.2008, fol 35 et seq

> *"Waqt li kien qed jagħmel xogħlu Joseph Magro, Frank Rapa ma kienx ikun qiegħed fis-site. Lanqas Teddy Rapa ma kien ikun qiegħed fis-site għall-inqas meta kont inkun qiegħed hemmhekk jiena. Kien ġie fis-site fl-aħħar meta jiena ikkonsenjajtlu ċ-ċwievet. Jiena min-naħa tiegħi ma kontx inħalli lil Frank Rapa ikun qiegħed fis-site waqt illi qiegħed jiġi żarmat il-plant."*

19. F'xiehda sussegwenti tal-20 ta' Marzu 2009[6] enfasizza li "*Fil-plant Frank Rapa ma żarma xejn"*.

20. Il-konvenut appellant pero` jilmenta li mix-xiehda tiegħu u tal-marixxall jirriżulta li Frank Rapa kien qala' t-*taping* tal-kulur li kien tpoġġa mal-*cables* il-maqtugħin, liema *taping* kien sar biex ikunu jistgħu jiġu identifikati minn liema cables tal-main ġew maqtugħin, dan biex ikun faċli għal min jerġa' jarma l-impjant mill-ġdid band'oħra. Dan l-ewwel Qorti pero` qisitu, iżda aċċennat għall-fatt li l-esperti tekniċi kienu ikkonkludew li l-mod kif kienu ġew żarmati l-*cables* fi kwalunkwe każ ma kienx tajjeb, u dan għar-raġunijiet indikati fir-rapport tagħhom. Fil-fatt il-periti ikkonkludew li l-cables:

> *"ma kinux ġew żarmati b'mod responsabbli biżżejjed biex, waqt li jiġu protetti mill-kondizzjonijiet ambjentali, ikunu mmarkati b'mod inelidibbli, b'dan li jkun assigurat li jkun faċli jerġgħu jiġu armati fil-futur".*

21. L-istess periti in eskussjoni, mitlubin mill-konvenut biex jikkonfermaw li t-*taping* bil-kuluri li sar minnu mal-*cables* maqtugħin bil-għan iservu ta' marki ta' kif kienu l-connections tal-elettriku kienx metodu

[6] Xiehda tal-Marixxall Xuereb tal-20.03.2009, fol 57 et seq

tajjeb, wieġbu hekk:

> *"…l-esponenti jifhmu li f'dan l-ambjent, fejn il-konnekxins huma ferm numerużi, l-użu ta' tape kulurit mhux addattat. F'ċirkostanzi simili, jiġi applikat tape innumerat b'numri u ittri ta' identifikazzjoni. L-esponenti irraportaw li ċerti cables kienu immarkati b'mod inadegwat, filwaqt li l-biċċa l-kbira kienu mingħajr ebda marki. L-esponenti m'humiex f'pożizzjoni li jgħidu jekk kienx hemm aktar marki li tneħħew, u aktar u aktar min neħħihom."*

22. Għalhekk din il-Qorti qegħda tifhem li anke jekk kien Frank Rapa stess li qala' l-imsemmija *taping* ikkulurit, dan xorta ma kienx it-*taping* addattat fl-ewwel lok, u għalhekk hawnhekk ukoll ma jistax jitqies li kien hemm ness bejn l-aġir ta' Frank Rapa u l-iżmantellar ħażin mil-lat elettriku.

23. Il-konvenut isostni ukoll li japplika l-prinċipju ta' *volenti non fit iniuria* għaliex il-ħsara kienet prevedibbli. L-ewwel Qorti, b'referenza għall-insenjament ta' "Charlesworth" f'"Law of Negligence", li:

> *"A person who makes an agreement with another, either expressly or by implication, to run the risk of injury caused by that other, cannot recover for damage caused to him by any of the risks he agreed to run."*

korrettement ikkonkludiet li dan il-prinċipju ma kienx applikabbli għall-każ in kwistjoni għaliex ma kien hemm l-ebda tip ta' ftehim (espress jew implikat) bejn l-atturi u l-konvenut Magro f'dan is-sens.

24. Ta' rilevanza fir-rigward ta' dan il-prinċipju *volenti non fit injuria* huwa l-insenjament tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni

Superjuri fis-sentenza mogħtija minnha fil-kawża fl-ismijiet "**Victor Xerri et pen vs Julian Sultana et**"[7], fejn ġie ippreċiżat u enfasizzat li biex jiġi applikat tali prinċipju mhux biżżejjed li l-vittma tkun taf li jeżisti riskju li ssofri ħsara, jew il-volonta` tagħha li tieħu tali riskju, iżda jrid jirriżulta ftehim espress jew impliċitu li f'każ ta' ħsara konsegwenza ta' negliġenza tal-parti l-oħra hija qed tirrinunzja għal kull pretenzjoni:

> "Ghalkemm m'hemmx dubju li l-vittma rikeb b'mod volontarju fuq il-mutur li kien involut fl-incident, b'daqshekk ma jfissirx li sar xi ftehim bejn Julian Sultana u l-vittma li jekk jigri xi haga Xerri kien qieghed jiehu r-riskju fuqu ghal kwalsiasi telf li jista' jsofri. Fil-kawza ingliza Morris vs Murray (1991)[8] gie spjegat il-principju:-
>
> > *".... in order to defeat an otherwise valid claim on the basis that the plaintiff was volens the defendant must establish that the plaintiff at the material time knew the nature and extent of the risk and voluntarily agreed to absolve the defendant from the consequences of it by consenting to the lack of reasonable care that might produce the risk. It is common ground and long establised that knowledge of the risk is not sufficient but there must also be consent to bear the consequences of it."*[9]
>
> "Fil-kuntest lokali hi rilevanti s-sentenza tal-Qorti tal-Appell[10] fil-kawza: **Franco Spiteri vs Joseph Cucciardi et** deciza fis-27 ta' Frar 2009 li wkoll ittrattat din id-difiza:-
>
> "......ghas-sostenn tad-difiza, tal-"*volenti non fit injuria"* mill-prova inkombenti fuq l-appellanti illi l-attur "had full knowledge of the nature and extent of the risk to be run" u li "the circumstances are such to show that in incurring the risk he did it on the terms that the loss should fall on him and not on some other person" (**Charlesworth, "Law of Negligence**" pagna 498, kif citat fis-sentenza fl-ismijiet "**Paul Vassallo et -vs- Carmelo Pace"**, Appell Civili, 5 ta' Marzu, 1986). Skond l-imsemmi awtur **iz-zewg aspetti fokali insiti fil-massima jridu jikkoincidu flimkien biex jiddizintitolaw lill-attur milli jirkupra d-danni**." (enfazi mizjuda)[11].
>
> "Biex jigi applikat dan il-principju m'huwiex bizzejjed li l-vittma tkun taf li

[7] 16.09.2009, 129/07/AE
[8] The Modern Law of Negligence, R.A. Buckley (Tieni Edizzjoni, Butterworths 1993) pagna 61
[9] Fl-Ingilterra permezz tar-Road Traffic Act tal-1988 dan il-principju tnehha minn incidenti tat-traffiku li fihom passiggier isofri griehi (Artikolu 149)
[10] Imħallef P Sciberras
[11] Ara wkoll sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Imhallef D Scicluna) fil-kawza Annunziata Caruana v. Odette Camilleri deciza fit-13 ta' Frar 2001.

jezisti riskju li ssofri hsara, jew il-volonta' taghha li tiehu tali riskju. Irid jirrizulta ftehim (espress jew implicitu) li min isofri l-hsara ser jirrinunzja ghal kull pretenzjoni ghall-hsara li ssofri minhabba n-negligenza tal-parti l-ohra. Il-fatt li l-vittma minn jeddu rikeb bhala passiggier fuq il-mutur ma jfissirx li kien jezisti xi ftehim ma' Sultana li jekk ikollhom xi incident Joseph Xerri kien ser jaghmel tajjeb ghat-telf kollu li jgarrab.

"Id-difiza ta' *volenti non fit injuria* hi differenti minn dik ta' htija kontributorja ghalkemm fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti Sultana jidhru li qeghdin jittrattawhom bhala l-istess principju, li m'humiex. Lord Denning spjega dan il-principju fil-kawza **Davies**:

> "*It has sometimes been suggested that an injured plaintiff is not guilty of contributory negligence unless he is under a duty of care towards the defendant...... In my opinion, it is not a correct approach. When a man steps into the road he owes a duty to himself to take care for his own safety, but he does not owe to a motorist who is going at an excessive speed any duty to avoid being run down. Nevertheless, if he does not keep a good lookout, he is guilty of contributory negligence. The real question is not whether the plaintiff was neglecting some legal duty, but whether he was acting as a responsible man and with reasonable care……"*[12] *(enfazi mizjuda).*

25. Argument ieħor li jagħmel il-konvenut appellant hu li f'materja ta' żgumbrament huwa "inawdit" li wieħed jitkellem fuq esekuzzjoni negliġenti, għaliex joħroġ mit-tifsira tal-kelma "żgumbrament" li l-kompitu tal-marixxall hu li jitfa' 'l barra mill-fond dawk l-oġġetti tal-eżekutat wara li dan tal-aħħar ikun naqas milli joqgħod għall-ordnijiet tal-istess marixxall.

26. Dan l-argument kien ukoll għamlu fis-sottomissjonijiet tiegħu, u l-ewwel Qorti, ġustament, irriteniet li mhux korrett li jingħad li għaliex din l-operazzjoni ta' żmantellar seħħet fil-kuntest tal-esekuzzjoni ta' mandat ta' żgumbrament allura l-ebda tip ta' diliġenza ma kienet rikjesta. Hija fakkret li l-konvenut kien qed jesegwixxi inkarigu mogħti lilu mill-marixxall tal-qorti

[12] Cases & Commentary on Tort, B. Harvey u J Marston (Pitman Publishing, 1994) pagna 146.

u li ta' liema biċċa xogħol huwa tħallas ammont ta' flus. Għaldaqstant kien obbligat li juża dik id-diliġenza neċessarja biex iwettaq ix-xogħol skont is-sengħa u l-arti u li fejn ma kellux esperjenza kellu allura jitlob il-parir ta' persuni kwalifikati.

**<u>Il-kwantum tad-danni:</u>**

27. Il-konvenut jikkontesta wkoll il-kwantum tad-danni. Jenfasizza li xogħlu kien biss li jżarma l-impjant u jħallih fil-*yard* biex jinġarr 'il barra mill-kunsinnatarju. Jilmenta li l-ewwel Qorti interpretat b'mod skorrett il-konklużjonijiet tal-periti tekniċi fis-sens li s-somma ta' €25,000 ġiet iffissata mhux għall-ħsara li ġiet irriskontrata fil-qtugħ tal-cables, iżda fir-rigward "*ta' kablaġġ mill-ġdid tal-impjant kollu, u tal-installazzjoni tas-sistema elettrika u ittestjar u kummissjoni*".

28. Din il-Qorti tosserva li l-konvenut appellant, f'waħda mid-domandi li kien għamel lill-periti in esekuzzjoni, staqsa s-segwenti:

> *"K: Taqblu miegħi li l-makkinarju żarmat biex ikollu jintrama' mill-ġdid ix-xogħol ta' kalibraġġ* (recte: kablaġġ), *ittestjar, kummissjonar, u rinstallazzjoni tas-sistema elettrika l-ispejjeż tagħhom riedu jsiru xorta waħda kull kif iżżarma minn min iżżarma, u għalhekk l-ispiża minnkom stmata ġid €25,000 riedet issir kull kif biex il-makkinarju jerġa' jintrama' u jitħaddem mill-ġdid?"*

29. Għal din id-domanda l-periti tekniċi wieġbu li "*l-istima tkopri kif relatat f'paġna 8 u 9 tar-relazzjoni*", cioe` li l-ammont ta' €25,000

jirrigwarda l-ispiża "*ta' kablaġġ mill-ġdid tal-impjant kollu, u tal-installazzjoni tas-sistema elettrika u ittestjar u kummissjoni*". Din ir-risposta fil-fatt ma tispjegax jekk fi kwalunkwe każ (cioe` irrispettivament minn jekk il-kablaġġ iżżarmax kif suppost jew le) kellhiex xorta waħda issir tali spiza ta' €25,000 (jew ammont inferjuri għal €25,000) sabiex il-makkinarju jerġa' jintrama' u jitħaddem mill-ġdid. Madanakollu dakinhar li l-periti ppreżentaw it-tweġibiet tagħhom bil-miktub (fil-5 ta' Diċembru 2013) il-konvenut (ossia d-difensur tiegħu Dr Mario Scerri) iddikjara "*li l-istadju tal-provi huwa magħluq"* u ma insistiex li l-periti tekniċi jelaboraw aktar fir-rigward tad-domanda K. Lanqas ma talab li jiġu nominati periti addizzjonali.

30. Din il-Qorti pero` qieset li jkun utli li tagħmel domandi lill-perit tekniku biex tivverifika jekk tali somma ta' €25,000 kinitx fil-fatt tinkludi xi ammont kien ikollu jitħallas fi kwalunkwe każ (cioe` kieku l-impjant ġie żarmat kif suppost). Għal dan il-għan fis-seduta tas-26 ta' Ottubru 2020 tela' jixhed l-inġinier Victor Bonello:

> "***<u>Qorti</u>****: "Għandek idea ta' kemm huwa dan l-episodju kieku l-cables inqalgħu sew, x' differenza kien ikun hemm kieku nqala' issa? X' kemm taħseb li jkun inqas bħala spiża? Flok il-ħamsa u għoxrin elf li kkwotajt?*
>
> "***<u>Xhud:</u>*** *"……Nemmen li kien jiswa' bejn ħamest elef u tmint elef xorta x-xogħol biex terġa' tarmah."*

31. Għaldaqstant fil-fehma ta' din il-Qorti l-konvenut Joseph Magro m'għandux jitqies responsabbli għad-danni fl-ammont ta' €25,000 iżda

invece fl-ammont ta' **€18,500.**

**Il-proprjetarju tal-impjant:**

32. Il-konvenut appellant jargumenta wkoll li minn imkien ma jirriżulta li l-impjant li dwaru irrelataw il-periti huwa proprjeta` personali ta' Frank Rapa u li allura l-ewwel Qorti ma setgħetx tikkonkludi li kien ħati ta' danni fil-konfront tas-soċjeta` Rapa Brothers Co Ltd u **wkoll** ta' Frank Rapa personalment. Isostni għalhekk li fil-konfront tal-attur Frank Rapa personalment, it-talbiet kellhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż.

33. Din il-Qorti tosserva li fit-18 ta' Lulju 2007 fl-atti tal-mandat ta' żgumbrament l-attur Frank Rapa kien ippreżenta rikors[13] fejn talab li jingħata permess joħroġ l-oġġetti personali tiegħu mis-sit. Huwa elenka lista tal-**oġġetti personali** tiegħu, li huma:

1. Forklifter tad-ditta Komatsu
2. Forklifter trailer tal-kulur griż
3. Trailer ta' 32 pied tal-kulur blue
4. Gaffa ta' tyres
5. Truck tad-ditta Renault bla kabina
6. Truck tad-ditta Leyland Cruiser
7. Pillar Drills
8. Ħames magni CNC, tlieta griżi u tnejn kulur aħdar
9. Hi-up tad-ditta Atlas kulur abjad
10. Żewġ steel platforms
11. Blue Dumper tad-ditta Thwyties
12. Van Isuzu kulur blue
13. Jibs tal-cranes
14. Diversi pompi tal-Hydraulic

[13] Fol 56 tal-atti tal-mandat

34. Ma jidhirx li l-impjant mertu ta' dawn il-proċeduri huwa elenkat f'tali lista.

35. Fil-fatt fl-ittra uffiċjali 521/2007 ippreżentata minn Teddie Rapa fis-17 ta' Lulju 2007[14] hemm annessa lista ta' oġġetti li skont hu jappartjenu lis-soċjeta` Rapa Brothers Co Ltd, u minn tali lista jirriżulta li l-items 11 u 12 huma proprju l-impjant in kwistjoni:

1. Truck Leyland TL11 Octopus High up EBA787
2. Truck Leyland Bison High Up EAZ418
3. Truck Leyland Bison READY MIX EAZ415
4. Truck Leyland Bison READY MIX EAZ416
5. Truck Leyland Bison READY MIX EAZ417
6. Truck Golden READY MIX
7. Truck ripper 6 wheeler Brockway
8. Truck Brockway Ready Mix (Scrapped)
9. Truck Brockway Ready Mix (Scrapped)
10. Truck Brockway Chase (Scrapped)
11. **<u>Batch Plant for concrete mix</u>**
12. **<u>Batch plant for manufacturer of concrete bricks</u>**
13. Fork Lifter Matral (Peugeot).

36. Isegwi għalhekk li d-danni li għalihom huwa responsabbli l-konvenut Joseph Magro huma dovuti unikament lis-soċjeta` Rapa Brothers Co Ltd u mhux ukoll lil Frank Rapa personalment.

**<u>Decide</u>**

[14] Fol 73 tal-atti tal-mandat

37. Għal dawn il-motivi din il-Qorti qegħda tilqa' (limitatament) l-appell tal-konvenut Joseph Magro in kwantu:

- qed tirriduċi l-ammont li għandu jħallas Joseph Magro in linea ta' danni fl-ammont ta' **€18,500** u mhux €25,000, u

- qed tikkundanna lil Joseph Magro iħallas tali ammont hekk ridott ta' €18,500 **lis-soċjeta` attriċi Rapa Brothers Co Ltd biss,** u mhux ukoll lil Frank Rapa proprio.

38. L-ispejjeż tal-ewwel istanza għandhom jitħallsu mill-konvenut Joseph Magro, ħlief:

- għall-ispejjeż relatati mal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti Teddy Rapa proprio et nomine, li għandhom jiġu sopportati mill-atturi (kif ordnat l-ewwel Qorti); u

- għall-ispejjeż relatati mal-attur Frank Rapa proprio li għandhom jitħallsu mill-istess Frank Rapa proprio.

39. L-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jitħallsu tlett kwarti (¾) mill-konvenut Joseph Magro u kwart (¼) mis-soċjeta` Rapa Brothers Co Ltd. L-ispejjeż relatati mal-attur Frank Rapa proprio għandhom jitħallsu mill-

istess Frank Rapa proprio.

40. Kwantu għat-talba tal-konvenut appellant biex din il-Qorti tapplika fil-konfront tal-attur appellat Frank Rapa is-sanzjonijiet kontemplati taħt l-Artikolu 10(1)[15] tat-Tariffa A tal-iSkeda A tal-Kap 12 (cioe` spejjeż addizzjonali) din il-Qorti ma jidhrilhiex li hu l-każ u qed tichad it-talba.

| Mark Chetcuti | Giannino Caruana Demajo | Anthony Ellul |
| --- | --- | --- |
| Prim Imħallef | Imħallef | Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr

[15] *"Il-Qorti tista', meta tagħti s-sentenza, tordna li l-attur jew il-konvenut f'kawża jħallas spejjeż addizzjonali lir-Reġistratur tal-Qrati f'ammont ta' mhux anqas minn €500 u mhux iżjed minn €3,000, jekk il-Qorti jidhrilha li l-att tal-proċedura li bih inbdiet il-kawża jew l-att tal-proċedura b'risposta kienu fiergħa jew vessatorji, jew li xi waħda mill-partijiet tkun tawlet il-proċeduri mingħajr bżonn, u f'dan il-każ din is-somma ma tkunx tista' tintalab lura mill-parti l-oħra."*